**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 5/2017 CFF**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143)**
**Vs**
**Gilbert Grima**
**Niko Zammit**

**Illum 4 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ta' GasanMamo Insurance Limited (C-3143),** fejn esponew:

Illi għandhom iħallsu lis-socjeta' rikorrenti is-somma globali ta' sebat elef seba mija u tlettax-il ewro u sitta u sittin ċentezmu (€7,713.66), rappreżentanti danni sofferti mir-rikorrenti in segwitu ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) datata 29 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet Untours Insurance Agents Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata tagħha Giovann sive Jane Catania u l-istess assikurata Giovann sive Jane Catania vs Gilbert Grima u Ruth Zammit f'isem u in rappreżentanza ta' binha minorenni Niko Zammit u waqt is-smiegħ tal-kawża tal-arbitraġġ interveniet in statu et terminis is-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited assikuratriċi tal-vettura tal-intimat Gilbert Grima (Appell Numru 9/2014AE) liema sentenza kienet tikkonċerna inċident awtomobilistiku illi seħħ fit-30 ta' Lulju 2010 fi Vjal l-Avjazzjoni, Gudja meta inti Niko Zammit kont qiegħed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JUL 153 propjeta' tiegħek Gilbert Grima u li fir-rigward ta' liema vettura is-soċejta' rikorrenti kienet ħarġet polza tal-assikurazzjoni bin-numru 24811060718. In oltre, t-termini u l-

kundizzjonijiet ta' din il-polza tal-assikurazzjoni ma ġewx osservati da parti tagħkom stante illi:

a) Fid-data tal-inċident inti Niko Zammit kellek sbatax-il sena (17) u kwindi lanqas biss kellek liċenzja tas-sewqan filwaqt illi l-polza tal-assikurazjzoni kienet tkopri biss lil sid il-vettura;
b) Fil-mument tal-inċident inti Gilbert Grima konxjentament jew b'negliġenza ippermettejt illi l-vettura propjeta' tiegħek tinstaq minn persuni minorenni.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ippreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imgħaxijiet mill-lum sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati li intom minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta ta' Gilbert Grima** fejn espona:

Illi t-talbiet attriċi fil-konfront tal-esponenti għandhom jiġu miċħuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti:

1. M'huwiex minnu illi l-esponenti bi kwalsiasi mod ikkaġuna danni lis-soċejta' GasanMamo Insurance Ltd u dan kif ġie ammess mill-istess soċjetà fl-Avviz fl-ismijiet premessi meta tgħid illi kien Niko Zammit li kien involut fl-inċident;
2. Illi kif ser jiġi ppruvat waqt il-kawża m'huwiex assolutament minnu illi l-esponenti konxjentement jew b'negliġenza ppermetta lil Niko Zammit isuq il-vettura tiegħu. Illi fil-fatt kien Niko Zammit li seraq il-vettura lill-esponent u wara kien involut fl-inċident mertu tal-kwistjoni;
3. Illi, fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi huwa wieħed esaġerat kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-każ.

Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' rikorrenti.

Illi l-intimat Niko Zammit ma daħħal l-ebda risposta fuq il-każ in kwistjoni.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Malcolm Aquilina** qal li huwa jaħdem mas-soċejta' attriċi bħala Claims Adjustor u l-konvenut Gilbert Grima kien ħareġ polza ta' assikurazzjoni tat-tip Comprehensive u kien l-unika persuna li seta' jsuq l-imsemmija vettura JUL 153. Ġara li l-vettura JUL 153 kienet qegħda tinstaq mill-

konvenut Niko Zammit u kien għad kellu sbatax-il sena, fejn fil-fatt kien ħabat b'din il-vettura ma' vettura oħra misjuqa minn Giovanna Catania u dan skont ir-rapport li kien sar mill-Pulizija. Ġara li l-konvenut Gilbert Grima ġie ġewwa l-uffiċini tas-soċejta' attriċi sabiex jagħmel claim nhar it-2 t'Awwissu 2010. Illi ġara li Niko Zammit kien qiegħed id-dar ta' Gilbert Grima u kien inqala' argument u mingħajr ma kien jaf, Niko Zammit ħa ċ-ċwievet tal-vettura tiegħu u dan skont kif irriżulta mill-claim form. Xi jumejn wara Gilbert Grima reġa' ġie u ġab kopja tar-rapport tal-Pulizija li kien għamel hu stess in konnessjoni mas-serqa tal-vettura. Illi s-soċjeta' attriċi kienet infurmatu li Niko Zammit ma kienx kopert minn xi assikurazzjoni u dan minħabba li kien taħt l-eta'. Illi s-soċejta' attriċi bagħtet ittri uffiċċjali sabiex jitħallsu d-danni sofferti. Illi ġara li fit-2 ta' Novembru 2010, s-soċjeta' attriċi irċeviet ittra mingħand Dr Jose Herrera f'isem il-ġenituri tal-minuri Niko Zammit fejn intqal li Gilbert Grima kien jaf li Niko Zammit kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu. L-istess soċjetà attriċi kienet infurmat ukoll lil ġenituri ta' Niko Zammit li ma kienux se jirrappreżentawh fil-proċeduri u dan għall-fatt li ma kienx kopert minn assikurazzjoni fil-proċeduri tal-arbitraġġ. Illi ittra uffiċjali oħra intbgħatet lil Gilbert Grima sabiex iħallas id-danni minħabba l-claim qarrieqa li kienet saret. Min-naħa tiegħu huwa ċaħad li kien negliġenti jew li konxjentament kien ta ċ-ċavetta lil Niko Zammit. Ġew esebieti sentenza fil-konfront ta' Niko Zammit kif ukoll permezz ta' Lodo mgħoti mill-arbitru Avv Grazio Mercieca fil-25 ta' Marzu 2014 fejn l-konvenuti ġew iddikjarati responsabbli in solidum bejniethom sakemm Gilbert Grima jesebixxa prova li kien għamel ir-rapport qabel l-inċident. Kien sar appell fejn fis-sentenza mgħotija nhar id-29 ta' Lulju 2016 kienet irriformat is-sentenza fejn sabet liż-żewġ konvenuti responsabbli in solidum u ħassret il-parti fejn kellu Gilbert Grima jesebixxi xi prova dwar meta sar ir-rapport. Illi fl-istess affidavit ġew maqsuma l-ispejjeż hekk mitluba mis-soċjeta' rikorrenti fl-ammont totali ta' sebat elef seba mija u tlettax-il ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€7,713.66).

**PS 827 Edward Grech** ikkonferma li huwa kien ħejja rapport numru 6/L/2241/2010 iżda kien għamel biss il-parti ta' quddiem tal-istess rapport u mhux l-update. Huwa qal li ma kenitx tiegħu. Huwa kien dak iż-żmien stazzjonat ġewwa l-għassa ta' Birżebbuġa u kien ingħata handover biex jagħti ċ-ċavetta tal-vettura. Illi huwa ma kienx jaf min għamel l-update tal-aħħar fejn kien qiegħed jingħad dak li qal Niko Zammit.

**Spettur Jesmond Micallef** kien ġie infurmat mis-surġent 894 Alfred Cassar li kien ġie ċertu Gilbert Grima dwar serqa ta' vettura minn ċertu Niko Zammit. Illi rigward l-aħħar update u cioe' dik li ġiet magħmula minn PS 827 iżda ma setax jikkonferma min kien li għamel din l-update.

**WPC 118 Clarissa Scerri** fejn ikkonfermat li hija kienet infurmat lis-surġent dwar rapport li kien għamel l-istess Gilbert Grima wara li allega li kellu argument ma' Niko Zammit u dan tal-aħħar kien seraqlu l-vettura.

**PS 894 Alfred Cassar** qal li huwa kien stazzjonat ġewwa l-Għassa tal-Gżira fi żmien li kien daħal ir-rapport tas-serqa tal-vettura. Huwa kien għamel il-parti ta' fuq biss tar-rapport iżda ikkonferma wkoll li l-aħħar update kien għamilha hu fejn kien ġie Niko Zammit flimkien ma' missieru. Illi skont hu Niko Zammit kien ammetta li kien ħa l-vettura ta' Gilbert Grima u dan kif fehema hu. Għalkemm mhux cert li kien kiteb dik l-update huwa stess fejn ikkonferma li jaħseb li kien 90% li għamilha hu.

**Gilbert Grima** xehed permezz ta' affidavit fejn qal li huwa kien sar jaf lil Niko Zammit u fit-30 ta' Lulju 2010 kien gie ġewwa d-dar tieghu minhabba li kellu xi jghid m'ommu. Waqt li kien ġewwa kamra ohra ra lil Niko Zammit jaghti xi pilloli lil kelb tieghu u kellu xi jghid mieghu. Meta keċċieh 'l barra u hareg fil-gallarija ghal habta tas-7.30pm induna li ma kienx hemm il-karozza tieghu ipparkjata. Huwa kein sab sett ta' ċwievet nieqsa u prova jcempillu sabiex igib lura l-vettura u minhabba li kien mitfi baghtlu messaġġ. Fil-fratemp irċieva telefonata li Niko Zammit kien involut f'habta bil-karozza tieghu waqt li huwa kien sejjer l-ghassa jaghmel rapport dwar is-serqa tal-vettura. Huwa kien ghamel rapport mal-Pulizija fejn is-sugent PS 894 Alfred Cassar kien hadlu statement. L-ghada fil-31 ta' Lulju 2010 kienu tawh ic-cavetta tal-karozza filwaqt li Niko Zammit ammetta li kien hadlu l-vettura. Fil-fatt ftit wara s-socjeta assikuratriċi kienet taghtu s-somma ta' 1395 ewro ghal vettura ghax kienet total loss. Illi kien biss fit-2 ta' Novembru 2010 li Niko Zammit kien baghat ittra fejn innega li kien seraq il-vettura. Illi gara li fid-9 t'Awwissu 2013 Niko Zammit kien iffirma dikjarazzjoni li ma kienx minnu li kien tah il-vettura sabiex jaghmel atti sesswali.
In kontro-ezami huwa qal li kien sar jaf lil Niko Zammit wara li kienu iltaqaw il-belt u ġieli gie ghandu sabiex jghallmu l-ingliz. Huwa spjega li d-dar tieghu qeghda fuq zewg sulari iżda mill-kamra tas-sodda tista' tghaddi ghal ġewwa l-kcina. Huwa kkonferma li mill-kamra tas-sodda kienu insterqu c-cwievet ghax kienu ġewwa ashtray fonda. Illi skont hu, kien Niko li qabad u dahal fil-kamra tas-sodda u ha c-cwievet. Meta nduna li kien hemm il-vettura nieqsa mar jaghmel rapport l-ghassa tal-Gzira iżda ma setax jaghti spjegazzjoni ghala r-rapport hemm mniżżel li kien sar fid-disa ta' filghaxija. Rigward l-iskrittura li saret fejn Niko Zammit iddikjara fil-prezenza tal-avukat li ma kienx involut qal li ma kenitx saret quddiem Nutar.

**Fatti li taw lok ghall-vertenza**

Dan il-kaz jirrigwarda habta bejn zewg vetturi li wahda minnhom kienet misjuqa mill-konvenut Niko Zammit li kien taht l-eta u ghalhekk ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Illi din il-vettura kienet reġistrata fuq il-konvenut l-iehor Gilbert Grima. Illi skont dan tal-ahhar din il-vettura kienet giet misruqa lilhu meta Niko Zammit seraq ic-cwievet li kellu fir-residenza tieghu u ghalhekk insterqet il-vettura. Illi wara li kienu infethu proċeduri quddiem l-Arbitragg, irriżulta li l-istess konvenuti lanqas biss iddefendew il-posizzjoni taghhom tant li anki kien sar Appell quddiem il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) fejn ikkonfermat ir-responsabilita in solidum taz-zewg konvenuti. Illi anki fl-istess deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, il-Qorti ma emnitx li din il-vettura kienet giet misruqa. Illi wara dan kollu, dawn il-proceduri inbdew sabiex jiġu irkuprati

l-ispejjez li kienu saru matul iz-zmien. Illi f'dawn il-proceduri instemghu diversi xhieda fosthom is-surgent li kien hejja r-rapport tas-serqa.

Illi din il-Qorti tosserva li kien hemm zewg updates mar-rapport fejn wahda minnhom tikkonċerna lil PS 827 fejn kien ta c-cwievet lura lil Gilbert Grima. Illi fit-tieni update li kien sar, hemm imniżżel li Niko Zammit kien mar ġewwa l-Ghassa. Illi meta tela' jixhed l-istess PS 894 Alfred Cassar ma setax jikkonferma mija fil-mija li dik l-update kien ghamilha hu stess. Illi ebda uffiċjal iehor tal-Pulizija ma xehed u kkonferma li fil-fatt kien hu li dahhal din l-update. Illi fil-frattemp tad-diversi proċeduri li kienu ghaddejjien kien hemm risposta permezz ta' ittra legali fejn Niko Zammit ikkonferma li din il-vettura giet misjuqa minnhu iżda bil-fatt li Gilbert Grima kien jaf li kien isuqha. Illi però f'dokument iehor li sar fis-sena 2013, deher li kien preżenti Niko Zammit fejn cahad dak kollu li kien qal fl-ittra legal li kienet giet mibghuta.

**Ikkunsidrat**

Illi bla dubju ta' xejn kien l-istess Niko Zammit li kien qieghed isuq din il-vettura li kkaġuna l-habta bejn iz-zewg vetturi u ghalhekk bla dubju ta' xejn huwa responsabbli ghal dawn l-ispejjez. Dan il-fatt huwa marbut mal-fatt li huwa ma kellux polza ta' assikurazzjoni u lanqas liċenzja tas-sewqan fiz-zmien li kienet saret din il-habta. Illi wkoll gie nnotat li huwa naqas milli jdahhal risposta f'dawn il-proceduri. Illi minn naha tal-konvenut Gilbert Grima jikkontendi li l-vettura kienet giet misruqa mill-konvenut l-iehor u ghandu jkun hu li jaghmel tajjeb ghal pretensjonijiet tas-socjeta' attriċi. Illi mill-pprovi li gew prodotti u anki mill-istess xhieda hareg bic-car li hemm verżjonijiet konfliġġenti. Illi min-naha tal-Pulizija li kienu involuti fit-tehid tar-rapport ma setghux jikkonfermaw li kienu ghamlu xi updates hawn fuq imsemmija u ghalhekk bla dubju lanqas ma jistghu eżatt jghidu x'inqtal eżatt dak-in-nhar li gie l-ghassa Niko Zammit.

Illi f'dan il-kaz, il-Qorti tara li l-hin li sar ir-rapport huwa relevanti ghal kaz iżda wkoll id-decizjonijiet mghotija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fid-29 ta' Lulju 2016. Illi ta' min jinnota li hemm zewg dokumenti wkoll importanti li gew esebieti u cioe' l-ittra legali mibghut minn Dr Jose Herrera ghan-nom tal-klijent tieghu u cioe' Niko Zammit fejn qal li hu saq il-vettura bil-kunsens tal-konvenut Gilbert Grima (ara dok MA10) bhala rikumpens ghall-favuri sesswali. Illi però minn naha tal-konvenut Gilbert Grima esebixxa dokument li jgieb id-data tas-sena 2013 fejn fiha hemm miktub li dak li kien hemm miktub fl-ittra legali li l-konvenut Gilbert Grima kien jaf li ha l-vettura ma kienx minnhu xejn. Illi hawnhekk hawn diverġenza shihs fuq dak li qieghed jinghad. Illi però f'dawn il-proceduri, l-konvenut la dahhal risposta u lanqas biex ittella xhud sabiex jikkonferma dak li huwa allegatament hemm miktub f'dan id-dokument.

**Ikkunsidrat**

Illi s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas li hija għamlet u ta' dan qiegħda titlob dan il-ħlas lura minn għand iz-zewg konvenuti kemm ghal fatt li kien hemm deċiżjoni mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri). Illi din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jgħid l-Artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-partijiet għandhom iressqu l-aħjar prova. Illi għalhekk huwa mistenni li kull parti tressaq dik il-prova neċessarja sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi fuq il-każ u fin-nuqqas ta' impossibilita' li jkun hemm dik il-prova, il-Qorti tista' tħares lejn provi sekondarji. Illi għalhekk huwa neċessarju li tinġieb l-aħjar prova sabiex jiġu stabbiliti l-fatti. Illi l-Qorti tagħmel referenza għal każ deċiż fl-ismijiet **Martina Farrugia et. v. Carmel Farrugia** (Rik. 27/14/1, 26/05/2017), fejn il-Qorti qalet hekk:

> *"illi l-Ewwel Qorti injorat kompletament in-norma legali li għandha tinġieb l-aħjar prova, in kwantu kellu jirriżultalha li l-atturi naqsu milli jressqu l-aħjar prova illi huma kienu verament qeghdin jattendu kors universitarju full time."* Skond l-intimat, *"l-atturi setgħu ressqu rappreżentant tal-Università ta' Malta sabiex jikkonferma li l-aħwa Farrugia kienu għadhom isegwu kors universitarju qabel ma għalqu t-tlieta u għoxrin sena... Kienu l-atturi li kellhom l-oneru tal-prova tal-fatt sostnut minnhom, u huma ma tellgħu ebda prova oħra sabiex jikkoroboraw id-dokumenti preżentati minnhom."* Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ċaħdet dan l-aggravju u qalet hekk:
>
> *"Il-Qorti tirrileva illi għalkemm ebda wieħed mid-dokumenti ma huwa ġuramentat, jibqa' l-fatt li hemm ix-xhieda mhux kontradetta tal-atturi aħwa Farrugia illi fiha bil-ġurament tagħhom jikkonfermaw illi huma baqgħu studenti full time wara li għalqu t-18-il sena u indikaw adirittura l-ammont li jippercepixxu fi stipendju ta' kull xahar. Id-dokumenti minnhom ipprezentati jikkonfortaw din ix-xhieda, u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kellha provi suffiċjenti sabiex fuq bażi ta' probabbilita` u verosimiljanza tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u din il-Qorti ma tikkonsidrax li jezistu c-ċirkostanzi stabbiliti fil-gurisprudenza sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill- ewwel Qorti fir-rigward...Il-konklużjoni premessa ssib ukoll konfort fil-fatt li mill-atti jirrizulta li, minkejja diversi differimenti mogħtija lill-konvenut mill-ewwel Qorti sabiex dan iressaq il-provi tiegħu jew jikkontroezamina x-xhieda tal-atturi dan baqa' passiv u ma ressaq ebda prova diretta biex tikkontrasta l-provi tal-atturi, u dan minkejja li fl-udjenza tas-16 ta' April 2015 l-kawża kienet giet differita 'ghall-ahhar darba għal-provi tal-konvenut u jekk jibqa' ma isir xejn il-Qorti ser tgħaddi ghas-sentenza fuq il-provi li għandha.' Għaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat u qed jiġi miċħud"*

Illi wkoll fil-każ **Simone Eve Collette Sammut et. v. Adam Sammut et.** (Rik. 1047/2014/1, 17/03/2021) fejn l-appellanti ikkontestaw numru ta' dokumenti li kienu ġew esebieti:

> *"l-prinċipju ewlieni li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, jiġifieri onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. Inoltre l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawża. ..."*

Illi f'dan il-każ is-soċjetà attrici preżentat diversi dokumenti fosthom sentenza mill-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) kif ukoll rapporti li preparaw il-Pulizija fuq il-habta kif ukoll fuq l-allegat serqa. Illi ma' dan tressqu diversi xhieda li taw informazzjoni kemm xejn nieqsa u dubbjuza speċjalment dik tas-surgent Alfred Cassar li ma kienx cert li kien ghamel update fuq ir-rapport meta Niko Zammit gie ġewwa l-ghassa. Illi l-Qorti mhux konvinta li r-rapport tas-serqa tal-vettura sar qabel ma sehh l-incident u dan jixhdu wkoll x'hin dahal ir-rapport. Illi ghalhekk din il-Qorti tara li fil-fatt l-incident sehh minhabba li Niko Zammit saq din il-vettura u l-istess konvenut Gilbert Grima kien ben konxju li kien ta l-istess vettura lil konvenut l-iehor u cioe' lil Niko Zammit.

Decide:

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Gilbert Grima u filwaqt taghmel referenza li l-istess konvenut Niko Zammit naqas milli jdahhal risposta f'dawn il-proceduri, l-Qorti tiddeċiedi kif gej: -

1. Tiddikjara li l-konvenuti Niko Zammit u Gilbert Grima responsabbli solidalment bejniethom ghall-incident;
2. Tiddikjara responsabbli solidalment bejniethom ghal hlas tas-somma ta' sebat elef seba mija u tlettax-il ewro u sitta u sittin centezmu (€7,713.66), lis-socjeta attrici Gasan Mamo Insurance Limited, rapprezentanti danni sofferti mir-rikorrenti in segwitu ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) datata 29 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet Untours Insurance Agents Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Giovann sive Jane Catania u l-istess assikurata Giovann sive Jane Catania vs Gilbert Grima u Ruth Zammit f'isem u in rapprezentanza ta' binha minorenni Niko Zammit u waqt is-smiegh tal-kawza tal-arbitragg interveniet in statu et terminis is-socjeta GasanMamo Insurance Limited assikuratriċi tal-vettura tal-intimat Gilbert Grima (Appell Numru 9/2014AE), flimkien mal-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors promutur sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' din il-proċedura jithallsu mill-konvenuti.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**